Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
COLLINS
ippreżentati fit-2 ta' Marzu 2023[1]

**Kawżi magħquda C-711/21 u C-712/21**

**XXX (C-711/21)**
**XXX (C-712/21)**
**vs**
**État belge, irrappreżentat mis-Secrétaire d'État à l'Asile et la Migration**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju))

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika ta' immigrazzjoni – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikoli 4, 7 u 47 – Direttiva 2008/115/KE – Ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment – Deċiżjoni ta' ritorn – Bidla fiċ-ċirkustanzi relatati mal-ħajja tal-familja u l-istat ta' saħħa ta' ċittadin ta' pajjiż terz wara adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn – Invokazzjoni ta' bidla fiċ-ċirkustanzi wara għeluq il-proċedura ta' protezzjoni internazzjonali – L-aħħar mument biex tiġi invokata bidla fiċ-ċirkustanzi – Artikolu 267 TFUE – Persistenza tat-tilwima fil-proċeduri prinċipali – Obbligu tal-qorti tar-rinviju li tivverifika – Prinċipju ta' kooperazzjoni leali – Artikolu 4(3) TUE – Ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari)

## I. Introduzzjoni

1. Dawn it-talbiet għal deċiżjoni preliminari jikkonċernaw żewġ deċiżjonijiet ta' ritorn li l-awtoritajiet Belġjani adottaw fir-rigward tal-appellanti fil-proċeduri prinċipali (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti"), wara ċ-ċaħda tat-talbiet tagħhom għal protezzjoni internazzjonali. Il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju)[2] jistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi dwar il-kumpatibbiltà tad-deċiżjonijiet ta' ritorn mal-Artikoli 4, 7 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u l-Artikolu 5, l-Artikolu 6(6) u l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment[3] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva ta' Ritorn"). F'dak il-kuntest, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) ifittex li jaċċerta jekk qorti li tkun qiegħda tistħarreġ il-legalità ta' dawk id-deċiżjonijiet ta' ritorn tistax tieħu konjizzjoni ta' bidliet fil-ħajja tal-familja tar-rikorrenti u/jew l-istat ta' saħħa li jkunu seħħew wara l-validità tad-deċiżjonijiet biex it-talbiet tagħhom għal protezzjoni internazzjonali jiġu miċħuda jkunu ġew ikkonfermati.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Datati l-4 ta' Novembru 2021.

[3] ĠU 2008, L 348, p. 98.

## II. It-tilwima fil-proċeduri prinċipali

### *A. Il-Kawża C-711/21*

2. XXX, ċittadin ta' pajjiż terz, jidher li wasal il-Belġju fis-16 ta' Marzu 2017. Huwa applika lill-awtorità Belġjana rilevanti fl-24 ta' Marzu 2017 għal rikonoxximent bħala refuġjat. Fl-20 ta' Lulju 2017, il-Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides (il-Kummissarju Ġenerali għar-Refuġjati u għall-Persuni Apolidi, il-Belġju) (iktar 'il quddiem iċ-"CGRA") ċaħad l-applikazzjoni ta' XXX u rrifjuta wkoll li tingħatalu protezzjoni sussidjarja. Abbażi ta' dak ir-rifjut, fis-26 ta' Lulju 2017, l-awtorità rilevanti ordnat lil XXX biex jitlaq mit-territorju Belġjan.

3. Fil-21 ta' Awwissu 2017, XXX appella d-deċiżjoni ta' CGRA tal-20 ta' Lulju 2017 li rrifjutat li tingħatalu protezzjoni internazzjonali quddiem il-Conseil du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin) (iktar 'il quddiem iċ-"CCE"). Iċ-CCE ċaħad dak l-appell fil-11 ta' Jannar 2018.

4. Fl-24 ta' Awwissu 2017, XXX appella mid-deċiżjoni tas-26 ta' Lulju 2017 li tordnalu jitlaq mill-Belġju quddiem iċ-CCE. Waqt seduta, XXX issottometta dokumenti li jipprovaw bidliet fil-ħajja tal-familja tiegħu u fl-istat ta' saħħa tiegħu. Permezz ta' sentenza tat-22 ta' Ottubru 2019, iċ-CCE ċaħad l-appell tiegħu. Iċ-CCE ddeċieda li XXX ma setax iktar jikkontesta d-deċiżjoni tas-26 ta' Lulju 2017 li tordnalu jitlaq mill-Belġju peress li s-sentenza tal-11 ta' Jannar 2018 li tiċħad l-appell tiegħu mir-rifjut taċ-CGRA li tingħatalu protezzjoni internazzjonali kienet iddeċidiet il-kwistjoni b'mod definittiv. Huwa ħa l-fehma li, meta evalwa l-legalità ta' ordni li jitlaq mit-territorju Belġjan, huwa ma setax jieħu inkunsiderazzjoni l-iżviluppi wara li kienet ingħatat dik l-ordni[4]. Iċ-CCE ddeċieda wkoll li XXX ma setax ikollu suċċess bl-argument tiegħu li l-awtoritajiet ma setgħux jadottaw ordni li teħtieġ li huwa jitlaq mit-territorju waqt li l-appell tiegħu mid-deċiżjoni taċ-CGRA li ma tingħatalux protezzjoni internazzjonali kien għadu pendenti peress li l-appell tiegħu minn dik id-deċiżjoni kien ġie deċiż fil-11 ta' Jannar 2018.

5. Fis-6 ta' Novembru 2019, ir-rikorrent appella mid-deċiżjoni taċ-CCE tat-22 ta' Ottubru 2019 quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat). Il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) jikkunsidra, l-ewwel, li fil-kuntest ta' rikors għall-annullament ta' ordni ta' tluq mit-territorju Belġjan, iċ-CCE għandu, fil-prinċipju, jeżamina dik l-ordni *ex tunc*. It-tieni, huwa tal-fehma li s-sentenza Gnandi ma tidentifikax biċ-ċar il-mument li fih ċittadin ta' pajjiż terz jista' jinvoka bidla fiċ-ċirkustanzi għal dak il-għan u għalhekk ma tiddeċidix dwar jekk qorti tistax tieħu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi li jseħħu wara deċiżjoni ta' ritorn tkun ittieħdet[5]. Dan l-approċċ jista' jkollu implikazzjonijiet sinjifikattivi għall-applikazzjoni tad-Direttiva ta' Ritorn, b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha li jipprovdi li, meta tiġi implimentata dik id-direttiva, l-Istati Membri għandhom jieħdu kunsiderazzjoni xierqa, *inter alia*, tal-ħajja tal-familja u tal-istat ta' saħħa taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

[4] B'riferiment għas-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2018, Gnandi (C-181/16, EU:C:2018:465) (iktar 'il quddiem is-"sentenza Gnandi").

[5] L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva ta' Ritorn jgħid li "L-Istati Membri għandhom joħorġu deċiżjoni ta' ritorn għal ċittadin ta' pajjiż terz li qed jissoġġorna illegalment fit-territorju tagħhom, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 sa 5". L-Artikolu 6(6) tagħha jipprovdi li "din id-[d]irettiva m'għandhiex tippreklidi lill-Istati Membri milli jadottaw deċiżjoni dwar it-tmiem ta' soġġorn legali flimkien ma' deċiżjoni ta' ritorn u/jew deċiżjoni dwar tneħħija u/jew projbizzjoni fuq id-dħul f'deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju wieħed kif previst fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, mingħajr preġudizzju għas-salvagwardji proċedurali disponibbli taħt il-Kapitolu III u taħt dispożizzjonijiet rilevanti oħrajn ta' liġi Komunitarja u nazzjonali."

### *B. Il-Kawża C-712/21*

6. Fid-29 ta' Frar 2016, XXX applikat quddiem l-awtorità Belġjana rilevanti għal rikonoxximent bħala refuġjata. Iċ-CGRA ċaħad l-applikazzjoni tagħha fit-30 ta' Settembru 2016 u rrifjuta wkoll li jagħtiha protezzjoni sussidjarja. B'riferiment għad-deċiżjoni taċ-CGRA, fis-6 ta' Ottubru 2016, l-awtorità Belġjana rilevanti ordnat lil XXX biex titlaq mit-territorju Belġjan.

7. Fit-28 ta' Ottubru 2016, XXX appellat mid-deċiżjoni taċ-CGRA tat-30 ta' Settembru 2016 quddiem iċ-CCE. Dak l-appell ġie miċħud fid-19 ta' Jannar 2017. Fis-7 ta' Novembru 2016, XXX appellat mill-ordni tas-6 ta' Ottubru 2016 biex titlaq mit-territorju quddiem iċ-CCE. Wara seduta li matulha XXX issottomettiet dokumenti relatati mal-ħajja privata tagħha, f'sentenza tat-22 ta' Ottubru 2019 iċ-CCE ċaħad l-appell tagħha mill-ordni għat-tluq mit-territorju. Dik il-qorti segwiet l-istess raġunament kif stabbilit fil-punt 4 ta' dawn il-konklużjonijiet.

8. XXX issottomettiet appell quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) mis-sentenza taċ-CCE tat-22 ta' Ottubru 2019. Għall-istess raġunijiet bħal dawk stabbiliti fil-punt 5 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) ikkunsidra li s-sentenza Gnandi ma tiddeterminax sa liema żmien korp li jikkunsidra l-legalità ta' deċiżjoni ta' ritorn jista' jieħu inkunsiderazzjoni bidla fiċ-ċirkustanzi li jirrelataw mal-ħajja tal-familja ta' ċittadin ta' pajjiż terz.

9. Fil-proċeduri prinċipali fil-Kawżi C-711/21 u C-712/21, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) ikkunsidra li l-Artikoli 4[6], 7 u 47 tal-Karta u l-Artikolu 5, l-Artikolu 6(6) u l-Artikolu 14 tad-Direttiva ta' Ritorn jistgħu jirrikjedu lill-qorti li tkun qiegħda tistħarreġ il-legalità ta' ordni tat-tluq mit-territorju, adottata wara ċ-ċaħda ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, li tieħu inkunsiderazzjoni bidliet relatati mal-ħajja tal-familja jew l-istat ta' saħħa ta' applikant li jkunu ġraw qabel id-data li fiha jseħħ dak l-istħarriġ. Il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) għalhekk issospenda l-proċeduri fiż-żewġ każijiet u għamel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi li ġejjin:

"(1) L-Artikoli 4 [7], 7 u 47 tal-[Karta] u l-Artikoli 5, 6(6) u 13 tad-[Direttiva ta' Ritorn], moqrija fid-dawl tas-sentenza [Gnadi], għandhom jiġu interpretati fis-sens li qorti adita bir-rikors ippreżentat kontra deċiżjoni ta' ritorn adottata wara deċiżjoni ta' rifjut li tingħata protezzjoni internazzjonali tista', fl-evalwazzjoni tal-legalità tad-deċiżjoni ta' ritorn, tieħu inkunsiderazzjoni biss bidliet fiċ-ċirkustanzi, ta' natura li jkollhom effett sinjifikattiv fuq l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni fid-dawl tal-Artikolu 5 [tad-Direttiva ta' Ritorn] iċċitat iktar 'il fuq, li jkunu seħħew qabel l-għeluq tal-proċedura ta' protezzjoni internazzjonali [miċ-CCE]?

(2) Iċ-ċirkustanzi previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva [ta' Ritorn] iridu jkunu seħħew fiż-żmien meta l-barrani kien qiegħed jirrisjedi illegalment jew kien awtorizzat li jibqa'?"

## III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

10. B'deċiżjoni tal-4 ta' Jannar 2022, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja għaqqad il-Kawżi C-711/21 u C-712/21 għall-finijiet tal-proċedura orali u bil-miktub, u għas-sentenza.

[6] L-Artikolu 4 tal-Karta ma huwiex rilevanti għall-Kawża C-712/21 peress li r-rikorrenti ma argumentatx li dik id-dispożizzjoni ġiet miksura.

[7] Id-domandi preliminari fil-Kawża C-711/21 u l-Kawża C-712/21 huma (essenzjalment) identiċi ħlief li fil-Kawża C-712/21, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) ikkunsidra li ma huwiex meħtieġ li ssir domanda preliminari fuq l-Artikolu 4 tal-Karta.

11. Ir-rikorrenti, il-Gvern Belġjan u dak tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Kummissjoni Ewropea ssottomettew osservazzjonijiet bil-miktub.

12. L-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Gvern Belġjan tad-29 ta' Marzu 2022 allegaw li ż-żewġ każijiet kienu inammissibbli peress li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li fittxet il-qorti tar-rinviju ma kinitx iktar meħtieġa sabiex tippermettilha tagħti sentenza. Fit-30 ta' Marzu 2020, l-awtorità rilevanti tat lir-rikorrent fil-Kawża C-711/21 permess ta' residenza[8]. Fit-8 ta' Marzu 2021, l-awtorità rilevanti tat lir-rikorrent fil-Kawża C-712/21 permess ta' residenza validu sat-18 ta' Frar 2021, li mbagħad iġedded sat-18 ta' Frar 2023[9]. Il-Gvern Belġjan informa wkoll il-Qorti tal-Ġustizzja li, fl-24 ta' Frar 2022, l-awtorità rilevanti Belġjana[10] kienet ikkomunikat dawk l-iżviluppi lill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat).

13. Fis-17 ta' Ġunju 2022, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja kiteb lill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) biex jikkonferma jekk ir-rikorrenti kellhomx id-dritt jirrisjedu fil-Belġju u, jekk iva, jekk xtaqx iżomm it-talbiet għal-deċiżjoni preliminari. Fis-27 ta' Ġunju 2022, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) ikkonferma, wara li semgħa l-avukat tar-rikorrenti, li kull wieħed minnhom kien ingħata dritt jirrisjedi l-Belġju. Huwa madankollu xtaq li jżomm it-talbiet għal deċiżjoni preliminari. Il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) qal li, skont l-avukat tar-rikorrenti, id-dritt tagħhom li jibqgħu l-Belġju huwa temporanju u l-Gvern Belġjan ma rtirax id-deċiżjonijiet ta' ritorn. L-avukat tar-rikorrenti ssottometta li jekk id-dritt tagħhom li jirrisjedu l-Belġju ma jiġix estiż, il-Gvern Belġjan jista' jfittex li jerġa' jattiva l-proċedura ta' ritorn fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet ta' ritorn meħuda fir-rigward tar-rikorrenti.

14. Fid-dawl tar-risposta tal-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat), fis-6 ta' Lulju 2022 l-Imħallef Relatur u l-Avukat Ġenerali talbu[11] lill-Gvern Belġjan jinforma l-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-istat kurrenti tad-deċiżjonijiet ta' ritorn meħuda fir-rigward tar-rikorrenti jew kwalunkwe deċiżjonijiet ta' ritorn li setgħu ġew adottati fir-rigward tagħhom. Fil-15 ta' Lulju 2022, il-Gvern Belġjan irrisponda billi qal li "l-għoti ta' permess ta' residenza huwa inkompatibbli ma' deċiżjoni ta' ritorn. Deċiżjoni ta' ritorn tiġi rtirata bl-applikazzjoni tal-liġi permezz tal-għoti ta' permess ta' residenza mingħajr l-ebda ħtieġa li l-awtorità kompetenti tadotta deċiżjoni ġdida ta' ritorn." Il-Gvern Belġjan ikkonkluda li, fid-dawl tal-ġurisprudenza reċenti tal-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) fuq dak l-istess punt[12], ir-rikorrenti ma kienx għad fadlilhom interess li jkomplu l-proċeduri biex jannullaw id-deċiżjonijiet ta' ritorn.

15. Fl-20 ta' Lulju 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja bagħtet ir-risposta tal-Gvern Belġjan tal-15 ta' Lulju 2022 lill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat). Għal darba oħra staqsiet jekk xtaqx iżomm it-talbiet tiegħu għal deċiżjoni preliminari u, jekk iva, jindika r-raġunijiet tiegħu biex jagħmel dan.

16. Fit-3 ta' Awwissu 2022, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) qal li fid-dawl tal-pożizzjonijiet diverġenti tal-avukat tar-rikorrenti u l-Gvern Belġjan, ma setax jirtira t-talbiet għal deċiżjoni preliminari mingħajr ma jisma' lill-partijiet l-ewwel u jiddeċiedi fuq l-interess ġuridiku tar-rikorrenti li jżommu l-azzjonijiet ta' annullament tagħhom. Huwa kompla jindika li

8 Il-permess ta' residenza inkwistjoni huwa "Carte F". Huwa validu għal ħames snin.

9 Il-permess ta' residenza inkwistjoni huwa "Carte A". Huwa validu għal sena u jista' jiġġedded.

10 L-Office des étrangers (l-Uffiċċju ta' Immigrazzjoni Belġjan).

11 Skont l-Artikolu 62(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

12 C.E., n°254.100 tal-24 ta' Ġunju 2022. F'dik is-sentenza l-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li peress li permess ta' residenza kien ingħata lill-appellant, "tali deċiżjoni hija inkompatibbli mal-ordni tat-tluq mit-territorju" u "tikkostitwixxi att kuntrarju għal dan l-aħħar b'tali mod li neħħiet din id-deċiżjoni mill-ordinament ġuridiku. Peress li l-att amministrattiv ikkontestat […] għeb mill-ordinament ġuridiku, id-dispożittiv tas-sentenza appellata ma għadhiex f'pożizzjoni li tagħti lok għal ilment mill-appellant. L-appellant għalhekk ma għadx għandu l-interess ġuridiku meħtieġ f'din l-azzjoni."

l-proċeduri quddiemu kienu sospiżi pendenti r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għat-talbiet tiegħu għal deċiżjoni preliminari. Il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) għalhekk qies li ma kienx f'pożizzjoni li jiddeċiedi dwar l-istat tad-deċiżjonijiet ta' ritorn u l-interess ġuridiku tar-rikorrenti fit-tkomplija tal-appelli tagħhom.

## IV. Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja biex twieġeb għad-domandi magħmula

17. Hija ġurisprudenza stabbilita li domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula minn qorti nazzjonali skont l-Artikolu 267 TFUE jgawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali li dik id-dispożizzjoni tagħmel mandatorja, huwa biss għall-qorti nazzjonali li quddiemha tkun tressqet tilwima, u li jkollha tassumi responabbiltà għad-deċiżjoni ġudizzjarja sussegwenti, biex tiddetermina, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari sabiex tippermettilha tagħti sentenza u r-rilevanza tad-domandi li hija tissottometti lill-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, huwa ċar kemm mit-test kif ukoll mill-istruttura tal-Artikolu 267 TFUE li qorti nazzjonali tista' ma titlobx deċiżjoni preliminari sakemm ma jkollhiex każ pendenti quddiemha li fih hija tintalab tagħti deċiżjoni li tkun kapaċi tieħu inkunsiderazzjoni r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax toħroġ opinjonijiet konsultattivi dwar mistoqsijiet ġenerali jew ipotetiċi. Talba għal deċiżjoni preliminari għaldaqstant għandha tkun meħtieġa għar-riżoluzzjoni effettiva tat-tilwima quddiem il-qorti tar-rinviju [13].

18. Isegwi li l-Qorti tal-Ġustizzja, fejn xieraq, tista' teżamina ċ-ċirkustanzi li fihom qorti nazzjonali tirreferilha każ sabiex tevalwa jekk għandhiex ġurisdizzjoni u, b'mod partikolari, tiddetermina jekk l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li qiegħda tiġi mfittxija għandhiex xi relazzjoni mal-fatti tal-kawża prinċipali jew l-iskop tagħha sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex imwassla tagħti opinjonijiet konsultattivi fuq domandi ġenerali jew ipotetiċi [14]. Jekk jidher li d-domanda mressqa hija manifestament irrilevanti għall-finijiet tad-deċiżjoni ta' kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddikjara li ma hemm l-ebda ħtieġa li tipproċedi għal sentenza [15].

19. Il-proċedura tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, li tistabbilixxi djalogu bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati u t-tribunal tal-Istati Membri, hija l-qafas tas-sistema ġudizzjarja stabbilita mit-Trattati. Hija tfittex li tikseb uniformità fl-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u b'hekk taċċerta, *inter alia*, il-konsistenza tiegħu, l-effett sħiħ tiegħu u l-awtonomija tiegħu [16]. L-Artikolu 267 TFUE u s-sistema tad-djalogu u kooperazzjoni ġudizzjarja

[13] Ara s-sentenzi tas-27 ta' Ġunju 2013, Di Donna (C-492/11, EU:C:2013:428, punti 24 sa 26 u l-ġurisprudenza ċċitata); tas-27 ta' Frar 2014, Pohotovosť (C-470/12, EU:C:2014:101, punti 27 sa 29 u l-ġurisprudenza ċċitata) u tal-24 ta' Novembru 2020, Openbaar Ministerie (Falsifikazzjoni ta' dokumenti) (C-510/19, EU:C:2020:953, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[14] Minkejja li l-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) ma kienx konxju li r-rikorrenti kienu fil-pussess ta' permess ta' residenza fl-4 ta' Novembru 2021, huwa sussegwentement ma informax lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar dawk l-iżviluppi minkejja li kien innotifikat bihom fl-24 ta' Frar 2022. F'dak il-kuntest, il-punt 26 tar-Rakkomandazzjonijiet lill-qrati nazzjonali, dwar l-introduzzjoni ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari (ĠU 2019 C 380 p. 1) jgħid, *inter alia*, li "[il-qorti tar-rinviju] għandha tinforma lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar kull kwistjoni proċedurali li jista' jkollha impatt fuq [id-deċiżjoni preliminari] [...]"

[15] Sentenza tal-24 ta' Ottubru 2013, Stoilov i Ko (C-180/12, EU:C:2013:693, punt 38). Filwaqt li l-Gvern Belġjan qajjem il-kwistjoni ta' ammissibbiltà tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari f'dawn il-proċeduri, huwa ċar mis-sentenza msemmija u mis-sentenza Gnandi (punt 31) li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tqajjem il-kwistjoni ta' ammissibbiltà ta' tali talbiet *ex officio*. Skont l-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-qorti tar-rinviju tissospendi l-proċedura quddiemha. Madankollu, l-Artikolu 101 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprovdi li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' titlob kjarifika mill-qorti tar-rinviju.

[16] Sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, A.B. *et* (Ħatra tal-Imħallfin fil-Qorti Suprema - Rikors) (C-824/18, EU:C:2021:153, punt 90).

li jistabbilixxi huwa *lex specialis* li jesprimi l-prinċipju bażiku stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE[17] li jipprovdi li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri huma marbuta li jikkooperaw b'mod leali fit-twettiq ta' kompiti li jirriżultaw mit-Trattati[18]. Qrati nazzjonali, bħala emanazzjonijiet tal-Istat, huma marbuta minn dak il-prinċipju fir-relazzjonijiet tagħhom mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni inkluż il-Qorti tal-Ġustizzja[19]. Id-dmir tal-kooperazzjoni leali għandu natura reċiproka kif jidher ċar mit-test tal-Artikolu 4(3) TUE li jirreferi għal "rispett reċiproku sħiħ" bejn l-Unjoni u l-Istati Membri[20]. Fid-diviżjoni tal-funzjonijiet fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja bejn qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja prevista fl-Artikolu 267 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti sentenzi preliminari mingħajr, fil-prinċipju, ma teżamina ċ-ċirkustanzi li fihom il-qrati nazzjonali staqsew id-domandi u tipproponi li tiġi applikata d-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni. Il-bqijja huwa biss f'każijiet fejn, jew jidher li l-proċedura skont l-Artikolu 267 TFUE kienet abbużata u kienet invokata sabiex tingħata sentenza mill-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' tilwima falza, jew ikun ovvju li d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni sottomessi għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jistgħux japplikaw għas-soluzzjoni tal-proċeduri li minnhom ikun oriġina r-rinviju għal deċiżjoni preliminari[21].

20. Fid-dawl tat-talba tal-inammissibbiltà li qajjem il-Gvern Belġjan fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu u l-korrispondenza bejn il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) u l-Gvern Belġjan, tippersisti inċertezza kunsiderevoli dwar jekk il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) għandux jieħu r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domandi preliminari inkunsiderazzjoni meta jista' jasal li jirriżolvi t-tilwim pendenti quddiemu. F'dak ir-rigward, il-ġurisprudenza tal-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) li l-Gvern Belġjan iċċita fir-risposta tiegħu lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Lulju 2022 jindika biċ-ċar li sentenza mill-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex meħtieġa għar-riżoluzzjoni effettiva tal-appelli quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) peress li d-deċiżjonijiet ta' ritorn, is-suġġett ta' dawk l-appelli, jidhru li tneħħew mill-ordinament ġuridiku Belġjan[22].

21. Filwaqt li fl-aħħar hija kwistjoni għall-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) biex jiddeċiedi, dik il-qorti, meta għal darba oħra ġiet mistoqsija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta' Lulju 2022 biex tindika jekk tixtieqx iżżomm it-talbiet għal deċiżjoni preliminari u, jekk iva, għala, ma indirizzatx ir-rilevanza tas-sentenza reċenti tagħha, u sempliċement ikkonfermat ix-xewqa tagħha li żżomm dawk it-talbiet mingħajr ma spjegat għala kellhom xi effett fuq ir-riżultat tat-tilwim

[17] Ara Temple Lang, J., *The Development by the Court of Justice of the Duties of Cooperation of National Authorities and Community Institutions Under Article 10 EC*, Fordham International Law Journal, 2007, Vol 31, Ħarġa 5, p. 1517. Ara wkoll, Klamert, M., "Article 4 TEU" f'Kellerbauer, M., Klamert, M., u Tomkin, J., (eds), *The EU Treaties and the Charter of Fundamental Rights: A Commentary*, Oxford University Press, New York (onlajn), 2019, p. 35-60.

[18] Stati Membri għandhom jieħdu kull miżura xierqa, ġenerali jew partikolari, sabiex jaċċertaw sodisfazzjoni tal-obbligi li jirriżultaw mit-Trattati jew jirriżultaw mill-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Huma għandhom jiffaċilitaw il-kisba tal-kompiti tal-Unjoni u joqogħdu lura minn kull miżura li tista' tipperikola l-kisba tal-għanijiet tal-Unjoni.

[19] Skont l-Artikolu 4(3) TUE, qrati ta' Stati Membri huma obbligati li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiggarantixxu l-applikazzjoni u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni. Ara sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, Il-Kummissjoni vs Is-Slovenja (Arkivji tal-BĊE) (C-316/19, EU:C:2020:1030, punti 119 u 124).

[20] Digriet tat-13 ta' Lulju 1990, Zwartveld *et* (C-2/88-IMM, EU:C:1990:315, punt 17).

[21] Sentenza tat-8 ta' Novembru 1990, Gmurzynska-Bscher (C-231/89, EU:C:1990:386, punt 23).

[22] Ara C.E., n°254.100 tal-24 ta' Ġunju 2022. Il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) għandu jivverifika r-rilevanza u l-kontenut ta' dik il-ġurisprudenza nazzjonali fil-kuntest tat-tilwim fil-proċeduri prinċipali. Jidher li, suġġett għal verifika mill-qorti tar-rinviju, il-pożizzjoni tiegħu fuq il-kwistjoni nbidlet reċentement. Ara s-sentenza tal-15 ta' April 2021, État belge (Elementi sussegwenti għad-deċiżjoni ta' trasferiment) (C-194/19, EU:C:2021:270, punt 20), li ttrattat proċeduri simili ta' appell quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat). F'dak il-każ, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) indika, wara talba għall-informazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, li l-appell fil-proċeduri prinċipali jikkontestaw il-legalità ta' deċiżjoni li tiċħad l-applikazzjoni tal-appellant għall-ażil u tordnalu jitlaq mit-territorju Belġjan kellu skop peress li kien jikkonċerna deċiżjoni ġudizzjarja li ma setgħetx titneħħa mill-ordinament ġuridiku minn xi ċirkustanzi fattwali.

quddiemha[23]. Il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) sempliċement jirreferi għall-ħtieġa li jisma' l-partijiet qabel jiddeċiedi fuq il-kwistjoni fiċ-ċirkustanzi fejn il-proċeduri quddiemu jinsabu sospiżi.

22. Fid-dawl tal-ġurisprudenza reċenti tal-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat)[24], il-fatt li l-awtorità Belġjana rilevanti kienet informatu li kienet ħarġet permessi ta' residenza lir-rikorrenti u li dik il-qorti kienet staqsiet lill-avukat tar-rikorrenti diversi drabi fuq il-kwistjoni[25], ma huwiex ċar għala l-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) jidher li ma jridx iwieġeb il-mistoqsija kompleta li l-Qorti tal-Ġustizzja indirizzatlu, u għalhekk jassisti lill-Qorti tal-Ġustizzja fit-twettiq tal-kompitu tagħha li taċċerta li, fl-interpretazzjoni tat-Trattati, il-liġi tiġi osservata[26].

23. Fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Di Donna, l-Avukata Ġenerali Kokott osservat li l-ispirtu ta' kooperazzjoni li fih titwettaq il-proċedura tad-deċiżjoni preliminari jeħtieġ li l-qorti tar-rinviju tirrispetta l-funzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja "li hija dik li tikkontribwixxi għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri u mhux li tagħti opinjonijiet dwar domandi ġenerali jew ipotetiċi"[27]. Fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Pohotovosť, l-Avukat Ġenerali Wahl qal li "huwa meħtieġ li l-qrati nazzjonali jispjegaw, meta dan ma jirriżultax b'mod ċar mill-proċess, ir-raġunijiet li għalihom huma jqisu li risposta għad-domanda tagħhom tkun neċessarja għas-soluzzjoni tal-kawża. Id-dmir tal-Qorti tal-Ġustizzja li tosserva r-responsabbiltajiet tal-qorti nazzjonali jimplika fl-istess ħin li l-qorti nazzjonali tosserva l-funzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fi proċedura għal deċiżjoni preliminari. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet reċentement li ma hemmx lok li hija tagħti deċiżjoni fil-każ fejn il-qorti tar-rinviju, minkejja t-talba li saritilha, żammet it-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari waqt li naqset milli tieħu pożizzjoni fuq l-effett ta' żvilupp jew avveniment li tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja kellha konoxxenza għal dak li jirrigwarda kemm id-deċiżjoni li tintervjeni fil-kawża prinċipali kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi preliminari għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali"[28].

24. Jidhirli li, fl-eżerċizzju ta' din il-kooperazzjoni, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) seta' jneħħi s-sospensjoni tal-proċeduri quddiemu, sema' l-partijiet fuq il-kwistjoni u ddeċieda fuq l-eżistenza tad-deċiżjonijiet ta' ritorn magħmula fir-rigward tar-rikorrenti bħala kwistjoni tad-dritt Belġjan. F'dak il-kuntest, hija ġurisprudenza stabbilita li dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tipprevjeni l-operat tal-Artikolu 267 TFUE għandha titwarrab[29]. Fuq il-bażi tal-informazzjoni li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja, dawn il-proċeduri preliminari huma *prima facie* irrilevanti b'tali mod li r-risposti tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domandi preliminari jaf ma jkunux meħtieġa sabiex jippermettu lill-qorti tar-rinviju tirrisolvi t-tilwim quddiemha[30]. Minħabba bidla fiċ-ċirkustanzi tar-rikorrenti minn meta saru t-talbiet għal deċiżjoni preliminari

[23] Ara, b'kuntrast, il-punti 32 u 33 tas-sentenza Gnandi fejn il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) spjega biċ-ċar għala r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja kienet meħtieġa għalih biex jirriżolvi t-tilwima quddiemu u għala xtaq li jżomm it-talba għal deċiżjoni preliminari. Ara wkoll, is-sentenza tat-13 ta' Settembru 2016, Rendón Marín (C-165/14, EU:C:2016:675, punti 30 u 31), fejn it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja), spjegat li, filwaqt li l-proċeduri quddiemha dwar ir-rifjut li jingħata permess ta' residenza temporanju kienu ġew riżolti, risposta mill-Qorti tal-Ġustizzja għat-talba għal deċiżjoni preliminari kienet utli sabiex jirriżolvi kwistjoni pendenti dwar il-kumpens dovut bħala konsegwenza ta' dak ir-rifjut.

[24] Ara C.E., n°254.100 tal-24 ta' Ġunju 2022.

[25] Jidher, suġġett għal verifika mill-qorti tar-rinviju, li ma staqsietx l-awtorità Belġjana rilevanti fuq il-kwistjoni.

[26] Ara, b'analoġija, is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, A.B. *et* (Ħatra tal-Imħallfin fil-Qorti Suprema - Rikors) (C-824/18, EU:C:2021:153, punt 107).

[27] Konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża Di Donna (C-492/11, EU:C:2013:225, punt 22).

[28] Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża Pohotovosť (C-470/12, EU:C:2013:844, punt 29).

[29] Sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, A.B. *et* (Ħatra tal-imħallfin fil-Qorti Suprema - Rikors) (C-824/18, EU:C:2021:153, punt 141 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[30] Ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għal domandi mressqa f'tali ċirkustanzi tista' tirriżulta fil-provvista ta' opinjoni konsultattiva dwar mistoqsijiet ipotetiċi b'nuqqas ta' osservanza għall-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-kooperazzjoni ġudizzjarja stabbilita mill-Artikolu 267 TFUE.

hemm ukoll riskju ċar li l-Qorti tal-Ġustizzja taħli riżorsi prezzjużi twieġeb dawk id-domandi. Dawn l-osservazzjonijiet huma magħmula mingħajr preġudizzju għad-dritt li għandu l-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) li jissottometti talbiet ġodda għal deċiżjoni preliminari ladarba jkun ivverifika li r-risposti għalihom huma meħtieġa għar-riżoluzzjoni effettiva ta' tilwima quddiemu[31].

## V. Konklużjoni

25. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li ma għandhiex ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 267 TFUE sabiex twieġeb id-domanda preliminari tal-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju) imressqa fl-4 ta' Novembru 2021.

[31] Ara, b'analoġija, id-digriet tat-12 ta' Mejju 2016, Security Service *et* (C-692/15 sa C-694/15, EU:C:2016:344, punt 30).